FIL-KLASSI

FARSA F'ATT WIEHED

PERSUNAGGI :

Is-surmast

Skulari:- Gigi - pruzuntuz

Romeo

Oscar

Peppinu

Wenzu

Pawlinu

Ganni Ganni

Victor

Xena: Klassi bl-ammara tas-soltu. Blackboard, mejda, bankijiet etc,. Is-seperjur jiftah bit-tfal f'posthom, jitkellmu. Wara ftit jidhol is-sir.

Sir Good morning boys.

Tfal Good morning, Sir.....Gidmuni sir.

Pawlinu Ha Ha gidmuh!

Peppinu Min gidmek ? Il-kelb ta' Wizu ?

Sir Se nibdew dalghodu ? Bizzejjed u tibdewx bic-cajt. Dahhluha f'raskom darba ghal dejjem li hawn tigu biex titghallmu u mhux biex tghaddu iz-zmien.

Romeo Iz-zmien wahdu jghaddi, sir, mhux ahna nghadduh.

Sir Insomma qisu li trabbu l-ghaqal...issa attenti ha nibdew. Sit down. Nibdew bi problema matematika. Habblu ftit raskomu ggibuha. Attenti u harsu lejn il-blackboard.

Idur jikteb fuq il-blackboard. Ipingi 3 kanox - vojta. Waqt li qed ipingi Pawlinu jaghti daqqa bil-orla t'idu fuq il-bank, u jaghmel hoss kbir.

Sir Idur b'salt Dan min kien ?

Pawlinu Le xejn Sir, dan kien hawn dubbiena, pruvajt noqtolha.

Sir Ara ma nghidlekx x'kien hemm.

Wenzu Iva sir, jiena rajtha.

Sir Dalwaqt nghidlek x'rajt.

Wenzu Iva sir kien hemm wirdiena, rajtha.

Pawlinu (Lil Wenzu) U le dubbiena hmar.

Sir Insomma, aqtugha. Ara ma nergax nisma xi hoss iehor.

Gigi — Tiehux hsieb mast, ghax min ma joqghodx attent jaqla tumakka go rasu min ghandi.

Pawlinu — Jallek hu hej, ir-ragel.

Peppinu — Dojjem hu jaqbez fin-nofs.

Romeo — Ara li ma\tmiex lili, taf, ghax bi kbira thun illum.

Sir — Skitna, jew? Shut up (ihabbat bir-riga u kulhadd joqghod attent)

Gigi — (lil Romeo) Issa la nohorgu nurik jien.

Sir — Ara Gig, int sikket ilsienek (Jerga jaqbad il-gibs u jghid)

2 4 6 8
10 12 13 14

Sir — (Idur lejn it-tfal u jghid) Ara mela niffiguraw li dawn huma kaxxi mimlijin bil-liri. Go din inpoggu tnejn, go din 4 ..... Issa jien inkun irrid somma ta' liri li biex ittuhieli ma tridu tifthu l-ebda wahda, iuma l-kaxxi ittuhomli shah; fhimna ?

Oscar — Jien ma fhimnt xejn, mast.

Sir — Ara, ha ntikom ezempju. Suppost li nitlobkom 10 liri. Inti teqbad il-kamra tal- 4 u dik tas- 6 u ttihomli. Mhux 10 jgibu ?

Pawlinu — Tista tiehu dawk tat-8 u tat- 2, Sir.

Sir — Bravu, prosit Pawlinu.

Tfal — (icapcpu) Bravu Pawlinu.

Wenzu — Allura nghid jien dax-xoghol kollu ghalfejn. M'hemmx kamra ta- 10.

Sir — Mela ftehemna, eh?

Gigi — Mela allura tiehu kollox minn borza wahda hux, Sir ?

Sir — Iva mela allura ma fhimt xejn ?

Gigi — Iva, iva, mast, fhimt, fhimt.

Sir — Tajjeb mela. Ejja nibdew minnek. Ohrog. (Gigi johrog jigri lejn il-blackboard)

Wenzu — Issa jekk ma jgibiex kulhadd jghidlu hmar taz-zurbett.

Gigi — Hmar nannuk hej.

Sir — Tridx biz ejjed. Gig qed iddejjaqni.

Gigi — U allura.

Sir — Halliha minn allura u tirrispondix.....

Gigi — (Ibaxxi rasu)

Sir — Hares l'hawn ha taghmel is-somma. Ara ifhimni tajjeb. Irridek ittini 6 liri.

Gigi — (Jibqa sieket ckantat)

Tfal — (Jidhku)

Oscar — Issa ghamèè l-arja.

Peppinu — Cafcaf Papru.

Sir — Peppinu se taqla copy....Gig se ddum tahsibha ?

Romeo — Sal-gudizzju universali, sir.

Ganni — Iva kemm int basla. Ghandek kaxxa lesta b'sitt liri.

Gigi — Tindahalx int.

Sir — Ma jimpurtax Gig. Tridx intik ohra ?

Gigi — Iva sir, u ingibha zgur.

Sir — Ara din id-darba tini 14-il lira.

Gigi — Din nafa sir, tiehu l-kaxxa tat-8, tat-2 u tal 10.

Wenzu — Bravu hmar gibtha zewg.

Sir — Ara mur f'postok u tkunx pruzuntuz.

Gigi — (b'rasu ban uta imur f'postu)

Ganni — Tajba Gig, hrigt ta' ragel, bhas-soltu.

Sir — Silenzju, min se jghidli ?

Gigi — XXXXXXXXXXXXX (lil Ganni) Mur int mela, ha naraw kemm int ragel.
XXXXXXXXXXXXXXXXXX

Sir — Isa min gej ?
(Hadd ma jitkellem) Iva ha nerga nispjega...Ara suppost li rrid 20 lira. Naqbad il-kaxxa tat-8 maghha nzid il-kaxxa tat-2.

Ganni — U jkollok hdax.

Oscar — XXXX Ghaxra hmar.

Sir — Sewwa 8 u 2 ghaxra. Mela kemm jonqos ghal 20?

Gigi — Hamsa sir.

Romeo — 10 sir.

Ganni — Naf sir. Hu nofs il-kaxxa u jkollok ghoxrin.

Peppinu — Nofs il-kaxxa 4 jkollok mhux 8 hemm

Ganni — 4 tghid int. Mux tajba sir ?

Sir — Ejja urieh m kif.

Ganni — (johrog, jaqbad il-gibs u jaghmel sinjal fuq l-4 kaxxi ta' fuq) Dawn ara.

Gigi — Dak kif ?

Ganni — Tnejn u erbgha - sitta. Sitta u sitta - tnax. Tnax u tmienja - Ghoxrin.

Gigi — Dak kif ? ? ? ? ?

Ganni — Bil-ghageb u it-teftif.

Victor — Dan kif gibtha, Ganni ? Anqas f'mitt sena ma kont nohlomha.

Sir — Dak jaf juza rasu, Vic. Ejjew naghmlu ohra. Min gej ?

Gigi — Nigi jien sir.

Ganni — U ddahhakniex.

Gigi — Mela jien tad-dakk ?

Romeo — Le tridx tmur

Sir — Hadd mhu se jithajjar jigi ?

Oscar — Iva ha nipprova wahda.

Wenzu — Kuragg Osc., Tih risposta 'l Gigi.

Gigi — Issa tara kemm se jgibha

Oscar — (Johrog. Romo johrog siequ u jfixkel lil Oscar. Oscar jaqa, jaghjjat u jibki) Ajma, ajma. Romeo sir, waqqaggni sir, ajma sir, ajma, ajma.

Sir — Iva xi gralek ? Lanqas li gatlek ma kont taghmel daqshekk storbju.

Victor — Jien naf wiehed sir, qatlitu karozza, anqas biss tkellem.

Sir — Ejja ha nara. Ersaq 'l hawn.

Oscar — (Jersaq izappap) Ara sir, qed tintefahli, ajma. Ma nistax nimxi.

Sir — Mur sa l-ufficcju, jinfaxxahielek is-surmast.

Oscar — (Jipprova jimxi u jerga jaqa) Ma nistax nimxi sir. Minn hawn ma nicqaqlaqx.

Pawlinu — Phu. Qisek l-ghageb tal-presepju.

Sir — Ganni u Victor, wasalluh intom s'ghand is-surmast. (Ganni u Victor johorgu minn posthom biex iwasslu lil Oscar u johorguh il barra, b'hafna tqanzih)

Ganni u Victor — Halli fi hsiebna, sir. Ejja Osc. Caqlaq (Jaqbduh)

Oscar — Ajma, ajma. Bilmod, bilmod.

Ganni — U kemm int ghageb.

Oscar — Huwa jien naf x'jien inhoss. (Johorgu)

Sir — Ajjew inkomplu. X'konna qed naghmlu ? Eh Oscar kien gej biex jipprova wahda minn dawn hu. Ara, fingers up, min jaf itini 16.
(Wara ftit jibda tiela xi finger)

Sir — Ghidli int, Peppinu.

Peppinu — Sir tiehu it-2, il-4 u l-10

Pawlinu — Sir tista tiehu is -6, t-8 u t-2.

Wenzu — Anki it-12 u l-4.

Gigi — Sir, sir tista tiehu s-sittax.

Pawlinu — Ciss skopra l)Amerka

Sir — Tidhru li fhimtu fl-ahhar.

(Jidhlu Ganni u Victor)

Sir — Hadtuh ?

Victor — Iva, sir, qed hinfaxxahielu biex ma tkomplix tintefahlu.

Sir — Ajjew inkomplu...Tafu x'hinu trianglu ?

Gigi — Iva sir, dak li jdoqqu fuqu th-banda

Sir — Sewwa qed ighid. Imma jien ghal dan qed nghid. Araw (iwingi trianglu fuq l-blackboard) Dan trianglu. Qed tarawh ?

Pawlinu — Mela ahna ghamjin

Sir — Issa ejja nghatu numru ghal kull ponta. Ikun xi jkun. Ghiduhomli inton anzi.

Gigi — Numru ottu (surmast jikteb)

Peppinu — Number five (" ")

Pawlinu — Numru tuzzana (" ")

Sir — Sewwa wisq. Issa ejja naghtu in-numri tat-truf. Mela dan jigi 8 + 5

Wenzu — Tlettax sir. (Jikteb)

Sir — Dan jigi 8 + 12

Gigi — 16 sir

Victor — 20 basla (jikteb)

Sir — U dan 12 + 5

Ganni — Sbatax.

Sir — Tajjeb wisq. Issa naraw dil-haga tal-ghageb! Jekk jiena nghodd genb mal-ponta tal-faccata tieghu jigi dejjem l-istess numru

Gigi — Kif jista jkun sir.

Victor — Mela ma jistax ikun. Ia qed jghidlek is-sir ? Jew tahseb li inti iktar bravu mis-sir ?

Sir — Dejjem int taqbez, Gig. Tkunx pruzuntuz.

Romeo — Hudha ma saqajk Gig.

Sir — Ejja naraw kif veru. Niehdu dal-genb, kemm hu ?

Tfal — Sbatax (sir jiktob)17)

Sir — U l-ponta ta' fuqu ?

Tfal — Tmienja (sir jiktob 17 + 8)

Sir — Kemm jigu ?

Romeo — 25 (sir jikteb = 25)

Sir — Issa niehdu genb iehor. Dan kemm hu ?

Wenzu — 20 (sir jikteb 20)

Sir — U l-ponta ta' quddiemu ?

Tfal — Hamsa (sir jikteb 2o + 5)

Sir — Kemm jigu ?

Tfal — 25 (sir jiktob 20 + 5 = 25)

Sir — U naraw l-ahhar genb. Kemm hu?

Tfal — 13 (sir jiktob 13)

Sir — Kollox jigi ?

Gigi — 25, sir, m'hemmx ghalfejn tghodd/bhall-ohrajn irid jigi ghax

Sir — Rajtu ? Hamsa u ghoxrin u 25 u 25. Tista tbiddel numri kemm trid, ghax it-total dejjem xorta jigi.

Ganni — Imma kemm hu bravu is-sir hux.

(Hawn jidhol Oscar, siequ nfaxxata minn fuq s'isfel; i izappap ipoggi fuq xkupa mgezwra bil-karti, flok krozzi)

Sir — Mela mort ghal gwerra ?

Oscar — Ghax sir, x'hin infaxxali isfel, in-nefha bdiet tiela l-fuq, alluraqal li ahjar jinfaxxaha kollha biex ma tkunx tista tintefah inkien.

Sir — Tajjeb hasibha.

Pawlinu — Tista tintefah zaqaw sir.

Ganni — Mela sota infaxxah minn fuq s'isfel.

Romeo — Kien jigi qiesu mummja tal-Ggittu.

Sir — Ara bizzejjed. Ijjew naghmlu l-ahhar problema. Attenti ha nghidilkom. Iftkhu widnejkom tajjeb. Kien hemm 3 i
i — irgiel li kollom 10 mazez kull wieħed. Ta wieħed kienu mimlijin sa fuq bil-patata. Ta l-iehor kienu mimlijin sa nofshom, u tat-tielet wieħed kienu vojta.

Gigi — Sir, nafha sir.

Sir — X'taf. Tizzatta ? Mela jien staqsejtkom xi haga. Anzi anqas irrid naf heldk. Irridkom tiktbuh l-answer, mhux tghiduhuli. Bl-ammont ma taghmluhiex. Tridu tahdmuha?

Tfal — Hekk ahjar mast.

Sir — Mela 10 kull wieħed. 10 mimlija, 10 nofshom, 10 vojta. Issa isimghu id-domandi, Kif irrid naghmel biex minghajr ma niftah il-mazez ingib li kollha ghandhom indaqs... Kif minghajr ma mmiss il-patata ingibhom it-tlieta daqs xulxin.

(It-tfal inizzlu rashom. Jibdew ihazzu u jhabblu rashom filwaqt li is-sir joqghod bil-qieghda, johroq gazzetta u jibda jaqra....Gigi jibda jhares 'l hawn u 'l hinn imdejjaq, qata' qalbu - jqum)

Gigi — Iva sir mela biex taqra l-gazzetta kien hemm bzonn ittina problem li tustax tinhadem.

Sir — (Irrabjat) Impertinenti, injorant, ghax hekk insejjahlek. Kieku l-injoranza kienet dawl, kieku ~~XXXXXX~~ f'mohhok ghandek biex tixghel bozza ta' l-elfejn. Pruzuntuz. Ghax mota nghidlek pruzuntuz inkun qed ~~xxxxxxxx~~ inqedlek l-isbah kuruna fuq rasek. Missek tisthi... Intom lesti ? Halli nurih lil dan il-pruzuntuz jekk tistax issir jew le.

Oscar — Dalwaqt mast. Stenna tentufa ohra ghax nahseb li gibtha.

Romeo — Anki jien sir qieghed fit-terf.

Ganni — Jien ghadni anqas biss xxxxejtha.

Oscar — Lest sir.

Romeo — Jien ukoll

Sir — Gib ha nara. (jiehu tat-tnejn) Eh, eh, sewwa, Iva anki din. Hawn ara Gig. Ara tistax issir. Isma (Jispjega fuq il-B.B.) Tlett irgiel A,B,C. A ghandu 10 mazez B ghandu 10 nofsijiet.

Romeo — Jigi ghandu daqs hamsa shah

Sir — Sewwa u C m'ghandu xejn. Tajjeb ? Issa A jaghti 5 minn tieghu lil C u C itih 5 minn tieghu. Hekk jigu li A ghandu 5 vojta u 5 mimlija u C l-istess.

Oscar Mela jigu li it-tlieta ghandhom 5 kull wiehed.

Sir Qed tara Gig, jekk tistax issir ? Issa nieqfu hawn ~~xxxxx~~ mill-aritmetika. U qabel ma nibdew il-lezzjoni l-ohra hudu 10 minuti mistrieh. Jien sejjer sa l-ufficcju u ara li ma nismax xi strobju. (johrog)

Tfal Tiehux hsieb mast.

(Tfal jaghlqu l-pitazzi u jibdew johorgu l-hobz. Min jiekol, min iparla. Wara ftit.)

Pawlinu Gig

Gigi Hawn

Pawlinu U l-papa Ruma.

Gigi Ara ma niftahx sidri w intik challenge ghal 5 rounds boxin taf. U ma jsib ukx izjed.

Victor Ara hej ma tibdews. Ghax imbaghad nehlu maghkom ahna wkoll, bhal bierah. Tridu naqilghu xi gimgha sas-siegha, jew ?

Romeo Araw kif naghmlu, tridx nghidilkom hrafa, ghax inkella jigri d-demm.

Gigi Halli nghid wahda jien.

Pawlinu Qabez iz-zatat

Romeo Ara l-ewwel nghid wahda jien imbaghad ghid imqar sitta int.

Tfal Iva hekk naghmlu. Ibda Romeo

Romeo Mela in-nannu kollu habta jghidli " Int hazin daqs sargu". U jien darba fettilli nsaqsieh ghaliex daqs saegu.. " Ghax", qalli, " is-sargu hu maghruf bhala l-aktar huta makakka li hawn. Ara kemm hu hekk " gurnata fost l-ohrajn fil-port il-kbir dahal denfil u lemah sargu quddiemu. U kif se jiftah halqu biex jibilghu, is-sargu kien pront qallu ' Stenna sur denfil ghax ghandi xi nghidlek'.

Gigi Issa ma tarawx li di gidba ? Mela l-hut jitkellem.

Peppinu Ghalhekk hrafa hmar.

Oscar Insomma kompli Romeo.

Romeo Allura id-denfil qallu " isa ghdili xi trid ghax se nibilghek' us-sargu qallu " jien qieghed hawn nistenna denfil iehor bhalek, ghaliex ghamilna tellieqa u ghaddejtu. Ara kemm ili anqas biss ghadu deher." Hawn id-denfil hu l-aktar li jimxi fost il-hut, qallu " Kif int taghddi denfil ? Kieku jien naf li taghddini immur nintefa fuq ir-ramel u mmut hemm. Hawn qabez is-sargu 'Tridx nippruvaw?" Id-denfil hatfu u qallu " Ara intellqu minn hawn sal-ponta ta l-Isla, all right, ftehimna'. Mela wiehed, tnejn, tlieta...." bumm u telqu, id-denfil f'kemm ilna nghid u telaq full speed kemm jimxi, u s-sargu bil-kwiet dawwar denbu u mar f'daru. U hija heles minnu pulit pulit.

Wenzu — Prosit hej kemm ghamilielu tajjeb.

Gigi — Issa ha nghidilkom wahda jien

Romeo — Twila xejn Gig ?

Gigi — Twila nghid u sabiha ferm

Tfal — Ghid Gig.

Gigi — Mela darba kien hemm tifel, u dan it-tifel .... dan it-tifel (jieqaf igidden dufrogh) eh eh iva ftakart, insomma dan it-tifel (jerga jieqaf)

Oscar — Makienx tifla

Romeo — Bizzejjed ha jkompliha

Gigi — Ara kif insejta.

Peppinu — Se jigi s-sir u jkun ghadu ma qal xejn

Gigi — Mela ghid int, ghax bhallissa nsejth

Peppinu — Int f'kollox tipprezenta ruhek u f'kollox tohrog ta' hmar.

(jidhol is-sir. Daqtejn fuq id-desk)

Sir — Kulhadd f'postu. Silenzju. Sit down.

Victor — Yes sir.

Sir — Now let us do some English. You Paul, stand up. How old are you ?

Pawlinu — Old ? Lili tghidlix old sir. Xih int mhux jien. Jien kemm kemm m'ghadnix bil-gazaza f'halqi.

Sir — U no, bil-malti ghidtlek, kemm ghandek snin

Pawlinu — Issa lqattni sir ghax ma nafx. Biss naf li ghandi wahda nieqsa ghax il bierah k'hun kont qed niekol sibt musmar fil-hobz u kissirli sinna.

Sir — (Imdejjaq) Kemm il-sena ghandek ?

Pawlinu — Sewwa sew minn meta twelidt sal-llum.

Sir — Sit down hmar.

Pawlinu — Grazzi sir.

Sir — You, Oscar, stand up. Have you done your homework ? Ghamiltu ?

Oscar — Il-composition sir?

Sir — Yes

Oscar — Kumbinazzjoni il-bierah missieri zamani gewwa allura ma kellix x'naghmel u ghamiltu.

Sir — Tajjeb, tridx taqrahulna, mela.

Oscar — Yes sir (jiftah il-gitazz, iqahqah tnejn u jib a) "Christm as" Christmas is a feast. He comes before Istrina. In Christmas we ixxalates one week shiha. Very good vacancies!! On the lejliet of ~~the xikkix~~ Christmas we stay stand up - up to half the night to go church. We go church to ismajmass. But much children xsleep in the banks. Behind church we go house and ixrobates two kikkri ~~xxxkhx~~ coffee and eat bits and pieces of cakes. At morning imbaghad we go up from bed and find things and things from Santa Klaws. We play with things and eat gewz and lewz and imlates the belly up to xpakkates with sweets. At half the noon we eat iklas hobis, of fenkis of tigigies, and leglegates much inbid. After this I irrangates the pastore of the presepis, and ixghels ~~his~~ lights. How many nice is Christmas. Christmas est festam sabiham says Latin; and so too says jien... Tajjeb sir ?

Sir — Nahseb li hemm xi kelma tajba.

Pawlinu — Sir lili wkoll tajtai composition x'naghmel.

Sir — Iva lilek tajtek composition bil-Malti. Halli naraw h ux xi naqra ahjar minn ta' Oscar.

Pawlinu — Mela ha naqra sir. " Il-fessuda tieghi"-- Jien ghandi fenka ta' l-indja indjana. Din kien baghtili bit-telefon iz-ziju Manwel ta' l)Amerka u qalli biex nghozzha hafna ghax din kellha ommha franciza u missierha tork mit-Turkija. U fejn tafu kemm hi helwa din il-fenka. Kieku taf kemm niggustaha u kemm inbusha. Nghaddi sighat shah nilghab maghha fil-gnien u gie li anki nsejt niekol biex ma nitlaqhiex. Il-birrah kien il-birthday taghha. Ghalqet sentejn nieqes tlieta u bhala rigal gibtha tiekol fuq il-mejda mieghi. Trid taraha nicklu minn platt wiehed! Kemm iggustajtha tmeclàq! Imma milli jidher i infisidha wisq ghax hej taf kemm hxienet. Tant hxienet li bzajt li se tixpakka u mort ghand it-tabib. Dan qalli biex inhallih fuq id-dieta u qalli nitmaghha biss xi sufle mimli biz-zalza tan-nemel. Issa tidher li sejra mhux hazin. Alla hares tmutli ghax zgur li nindifen maghha.

Sir — Ma kontx naf li ghandek qalbek zghira daqshekk. Prosit x'naqra ta' komponiment ghamilt! Ejjew nghaddu issa ghall-letteratura, u naqbdu l-poezija. Se ntikom bicca xoghol zghira x'taghmlu. Hawnhekk iss, ifthuni tajjeb. Irridkom tiktbuli 4 versi poezija, halli naraw fhimtux il-lezzjoni tal-bierah fuq it-tqassim tal-versi u s-sillabi.

Victor — Allura sir, niktbu poezija ahna ?

Peppinu — Mur arana sir x'poezija horgin !

Sir — U le teqtghux qalbkom. 4 versi biss.

Ganni — Fuqiex xir ?

Sir — Fuqiex tridu...tistghu tibdew. Kollox jghodd.

(It-tfal jibdew jiktbu u s-sur mast jikteb hu ukoll.
Wara ftit it-tfal jibdew jillestu)

Gigi — Jien lest sir.

Sir — Dejjem ta' l-ewwel int, Gig.

Gigi — Eh lili hadd ma jaghdini ghall-poezija sir

Romeo — Lilek mhux ghall-poezija ma jaghddukx, imma ghal pruzunzjoni li ghandek.

Sir — Stop it isa. Dejjem imqabbdin ma xulxin intom.

Victor — Jien lest sir.

Ganni — Jiena wkoll.....

Peppinu — Anki jien

Victor — Naqra tieghi sir ?

Gigi — Le jien l-ewwel.

Sir — Le Gig. Int m'ghidtx li tieghek l-ahjar! Mela nhalluha ghall-ahhar. Iz-zbiba fl-ahhar tal-mazzita tkun. Ibda int, mela Vic.

Victor — (Jaqra) 'ahna hawnhekk ilkoll imgienen
pvuru sir, tassew miskin!
Kull ma naghmlu kollox sewwa
Thalli barra l-hazin.

Sir — Cetifikat tajjeb tassew!

Romeo — Naqra tieghi sir ?

Sir — All right.

Romeo — (Jaqra) Kemm inhobbok art twelidi
Bik jiftahru l-Maltin
It-tfal kollha rasom tajba
Ibda minnha id-Dinglin.

Sir — Tajba wkoll. Prosit. You next Ganni.

Gannit — (Jaqra) 'Harsu lejja kemm jien ohxon
Jekk tizinni uqitejn
Ma jekk jiena fit-triq naqa
Biex jerfghuni hemm bzonn crane
Ghandi dari jaiss ma zaqqi
XXXXXXXXXXXXXXXXXX
Ghalxejn lili l-mummy issaqqini'

Sir — Prosit tassew Ganni. Hakkek zewg punti u capcipa.

Wenzu — Sir ha nghid tieghi.

Sir — Iva

Wenzu — (Jaqra) F'din l-iskola wisq kuntenti
nigu hawn biex nghaddu z-zmien
Meta s-sir itini l-homework
Ibqa zgur li ma naghmlux jien

Sir — Ma stajtx taghmel cettifikat ahjar.

Peppinu — Issa tieghi sir.

Sir — All right, go on.

Peppinu — (Jaqra) 'Ta' Had-dinghi m'hawnx ghalihom
Jafu jaghmlu t-tejatrini
Jekk xi hadd irid jaghddina
'ghidlu Appa, nini,nini.

Sir — U veru fikom tejatrin. Jien maghkom.

Gigi — Mela jien qatt ma jien se nasal?

Sir — Ejja qqralna tieghek u nispiccaw ghax dalwaqt se ccempel.

Gigi — Isimghu. Jien tninja ghamilt sir mhux erbgha.

Sir — Tajjeb ukoll

Gigi — (Jaqra) 'Komm nixtieq li nsir xi haga
Gvernatur jew vici re
President minn ta' l-Amerka
L-imperatur jonkella re.

Wenzu — Jup, aqlilu

Pawlinu — Ghandek aptit

Peppinu — Bir-riha tibqa

Gigi — Halluni ha nkompli

Sir — Tuh cans jispicca. Silence.

Gigi — (Jaqra) 'Issa nidhol ghal pulitka
Biex jaghmlmni Prim Ministru
U ma l-ewwel elezzjoni

Romeo — Ilibbsulek il-kappestru

Gigi — (Imur ghal Romeo) Il-kappestru lilek jixraq

Romeo — Idli tnisenix taf, ghax inkisorek.

(Jaqbdu jaghtu. Tfal ikesksuh m)

Sir — Bizzejjed. Skitna! (Iferraqhom)

Romeo — Mhux u gie ghalija sir

Gigi — Mhux huma bdew jaghjruni

Sir — Ma kellekx terfa idejk. Ghamilt pastazata. Darb'ohra nkoccik il-barra mill-iskola. Ghall-lum inzommok nofs siegha wara l-hin, biss. Darb'ohra tkun ghar, fhimt. Intom, ara tistghu tiskulaw. M'Hemmx sborbju ghax inzommkom kumpanija ta' Gigi. (It-tfal johorgu... Gigi jghaddas rasu fuq il-bank ....wara ftit)

Gigi — Sir, ha nmur sir...sir ma nergax, sir.

Sir — Ghidtlek ghoqod hemm u ttellaghhomlix.

Gigi — (Jerga jnidd rasu fuq idejh u jaqbad jibki)

0_0_0_0_0_0_0_0_0_0_0